**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tad-29 ta' Jannar, 2019**

**Talba Numru: 256/2016 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 38**

**Maria Victoria sive Marvic Manicaro (I.D. 228370M)**

**63, Parish Street,**

**Luqa**

**Vs**

**Mario Manicaro (I.D.306866M)**

**143, Triq Santa Marija,**

**Tarxien**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mill-attrici fil-11 ta' Lulju, 2016 li permezz tieghu talbet minghand il-konvenut il-hlas tas-somma ta' tlett elef mija u tlieta u tletin ewro u disgha u tletin centezmu (€3,133.39c) rapprezentanti hlas ta' manteniment ghaliha u ghat-tlett uliedhom u nofs l-ispejjes edukattivi medici u extra-kurrikulari tat-tlett ulied il-partijiet u dan skont digriet tat-18 ta' Awwissu, 2015 moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fejn il-Qorti ordnat lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' hamsa u disghin ewro (€95) kull erba' gimghat manteniment pendente lite ghaliha u s-somma ta' hames

mija hamsa u hamsin euro manteniment kull erba' gimghat bhala manteniment pendente lite ghat-tlett uliedhom Maxine, Matthew u Myriha ahwa Manicaro. Illi fid-digriet taghha tal-05 ta' Settembru, 2011 l-istess Qorti ordnat lil konvenut ihallas nofs l-ispejjez tal-edukazzjoni, sahha u extra-kurrikulari tal-istess tlett uliedu.

A fol 16 l-attrici ddikjarat li l-ispejjez tal-edukazzjoni, sahha u spejjez extra-kurrikulari jammontaw ghal sitt elef mitejn u sitta u sittin ewro u tmienja u sebghin centezmu (€6,266.78c) tali ircevuti jinsabu esebiti minn fol 188 tal-process.

A fol 191 il-konvenut eccepixxa billi accetta li huwa jrid ihallas n-nofs l-ispejjez edukattivi u ta' sahha tat-tfal ghal perjodu mill-05 ta' Settembru, 2011 sal-31 ta' Lulju, 2015 izda l-attrici ma tatx prova lill-konvenut li hafna mill-affarijiet akkwistati kienu effettivament relatati mas-sahha u edukazzjoni tat-tfal; diversi hlasijiet mitluba m'humiex sostanzjati b'ircevuti u diversi ricevuti jikkrejaw suspett legittimu li ma gewx mixtrija ghat-tfal jew ma gewx mixtrija mill-attrici.

A fol 196 fl-affidavit taghha l-attrici tghid li hija mizzewga lill-konvenut u minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal Maxine, Matthias u Myriah. Hija kkonfermat li l-ispejjez kollha li qed titlob pagament kollha jirrigwardaw spejjez edukazzjoni, sahha u extra kurrikulari tat-tlett itfal taghhom ghal perjodu bejn 2011 u 2015.

Ra l-kontro-ezami fol 237 et l-attrici u li kompla a fol 260 et li permezz tieghu sarulha diversi mistoqsijiet dwar l-ircevuti prodotti fosthom li hija tinzel Rahal Gdid minn Hal Luqa fejn toqghod skont kemm ikollha bzonn ghax huma hafna irhas. A fol 241 et hija kompliet tixhed li t-tfal f'Novembru, 2011 kienu jmorru l-iscouts u bi qbil ma' zewgha anke football kienu jmorru. It-tlett itfal kienu jmorru l-iscouts u t-tifel biss kien imur football u zewgha kien anke l-laqgha attenda. Hija tghix li kien hemm qbil dwar l-extra kurrikulari tal-arti ta' Maxine u Matthias. Fuq l-attivita' tax-xoghol tal-parcmina hija xehdet li zewgha jkun jaf mit-tfal.

Ra l-verbal a fol 256 tas-07 ta' Lulju, 2017 li permezz tieghu l-attur permezz tal-avukat tieghu ddikjara li hemm qbil dwar l-ircevuti fl-ammont ta' erbat elef seba' mija u sitta u tletin ewro u tmintax-il centezmu (€4,736.18c) izda mhux dawk li jirrigward il-bilanc ta' elf erba' mija u tnax-il ewro u sbatax-il centezmu (€1,412.17c).

Ra d-dokumenti kollha prodotti u n-nota tal-osservazzjonijiet tal-attrici.

Semgha t-trattazzjoni tal-avukat tal-konvenut.

Ikkunsidra,

Li din hija talba ghal hlas ta' arretrati ta' manteniment dovut lill-attrici bhala manteniment ghaliha, u nofs l-ispejjez edukattivi, sahha u extra kurrikulari ghat-tlett itfal tal-partijiet u dan skont id-digrieti hawn fuq imsemmija u dan ghal perjodu mill-05 ta' Settembru, 2011 sal-31 ta' Lulju, 2015.

Ra l-verbal a fol 256 tas-07 ta' Lulju, 2017 li permezz tieghu l-attur permezz tal-avukat tieghu ddikjara li hemm qbil dwar l-ircevuti fl-ammont ta' erbat elef seba' mija u sitta u tletin ewro u tmintax-il centezmu (€4,736.18c) izda mhux dawk li jirrigwardaw l-bilanc ta' elf erba' mija u tnax-il ewro u sbatax-il centezmu (€1,412.17c).

Li ghalhekk limitatment ghall-ammont ta' nofs is-somma ta' erbat elef seba' mija u sitta u tletin ewro u tmintax-il centezmu (€4,736.18c) cioe' elfejn tlett mija tmienja u sittin ewro u disgha centezmi (€2,368.09c) il-konvenut jaqbel li ghandu jhallas u ghalhekk din is-somma l-konvenut ghandu jhallasha bl-imghax legali mil-verbal tas-07 ta' Lulju, 2017 d-data meta ddikjara li ghandu jhallas.

Kwantu gha nofs il-bilanc ta' elf erba' mija u tnax-il ewro u sbatax-il centezmu (€1,412.17c) cioe' s-somma ta' seba' mija u sitt ewro u tmien centezmi (€706.08c) l-attur jikkontendi li hemm dubju kbir dwar dawn l-ircevuti. Bhal meta zewg pari zraben mixtrija hames minuri wiehed Rahal Gdid u iehor Hal-Luqa fl-istess gurnata u hafna ircevuti tal-istess haunt u jkunu tlieta jew erba' rcevuti tal-istess hanut tal-istess gurnata f'temp ta' sitt jew seba' minuti. Skont il-konvenut f'dan ir-rigward hija l-ahhar ircevuta li ghandha tghodd ghax skont hu martu tmur tixtri u kif tkun hierga taqbad ircevuti ohra u tigborhom.

L-attrici da parti taghha fil-kontro ezami spjega li dan jigri ghax kif johorgu mill-hanut it-tfal ikunu jridu xi haga ohra u hi jew it-tfal jergghu jidhlu fil-hanut biex jixtruha.

Mill-atti ma giex pruvat ebda arretrati ta' manteniment li l-mara allegat li huwa dovut lilha fil-avviz tat-talba.

Illi fil-kamp civili, ghal dak li hu apprezzament tal-provi, l-kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili.

Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku t'azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghal konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli."

In oltre, kif gie affermat fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et** deciza nhar il-hamsa w ghoxrin (25) t'April, 2002 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili:-

*"Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli."*

Ghal dak li huwa apprezzament tal-provi, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-Gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosmili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja (**Borg vs Bartolo**– Appell Inferjuri – 25 ta' Gunju, 1980). Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f'mohh il- gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanc ta' probabilitajiet (**Caruana vs Laurenti** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 08 ta' April, 1994 ; **Borg vs Manager ta' l-Intrapriza tal-Halib** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 17 ta' Lulju, 1981; **Vassallo vs Pace** - Vol.LXX.II.144 u **Zammit vs Petrococchino** – Appell Kummercjali – 25 ta' Frar, 1952).

Kif inghad fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri nhar it-tmienja w ghoxrin (28) t'April 2004 fl- ismijiet **Emanuel Ciantar vs David Curmi noe**:-

*"Fil-kamp civili l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. B'danakollu, f'kawza civili, d-dolo jista' jigi stabbilit anke permezz ta'presunzjonijiet w indizji, purke s'intendi jkunu serji, precizi u konkordanti, b'tali mod li ma jhallu l-ebda dubju f'min hu msejjah biex jiggudika.*

*Huwa ben maghruf, f'materja konsimili, li mhux kwalunkwe konflitt, kontradizzjonijiet jew inezattezzi fil- provi, ghandhom ihallu lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba*

*fihom, ma tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta jew jkollha b'konsegwenza taqa' fuq ir-regola ta' in dubio pro reo.*

Dan it-Tribunal meta fela l-ircevuti prodotti mill-attrici iqis li l-konvenut ghandu ragun jilmenta dwar uhud minnhom - hemm uhud li huma spejjez ta' toiletries (fosthom fol 103) meta dawn jifformaw parti mill-manteniment, ohra biex tnaddaf iz-zarbun minghand il-hanut taz-zraben Aldo, hafna ohrajn generici minghajr ma jispjegaw x'inhuma l-oggetti mixtrija.

Dan it-Tribunal jifhem ukoll l-umiljazzjoni li jkollha tghaddi minnha kull omm f'dawn ic-cirkostanzi li jkollha tispjega lil tal-hanut biex fl-ircevuta tnizzlilha x'inhuma l-items li tkun xtrat ghal uliedha.

Illi ghalhekk fil-fehma ta' dan it-Tribunal jezistu cirkustanzi li jaghtu l-poter diskrezzjonali lil dan it-Tribunal li jillikkwida s-somma. Illi dan isir skont il-Qrati taghna "bl-adoperu tal-kriterju sussidjarju tal-valutazzjoni ekwitattiva fejn l-provi fir-rigward tal-valutazzjoni tal-ammont tal-kumpens ma humiex tant lineari jew ben stabbiliti jew f'kaz ta' nuqqas ta' mezzi probatorji ". (**Prim Awla Charles Attard vs Carmela Frendo et 31.1.2003; Prim Awla Margaret Camilleri et vs Cargo Handling Co Ltd 31.10.2004).** A propozitu decizjoni a **Vol XXXV P III p615** fejn gie proprju rikonoxxut fuq l-istregwa ta' dak espress mill-Qorti Taljana ta' Kassazzjoni, illi "*vi hanno casi in cui, non potendosi avere mezzi istruttori e' rimesso al magistrate il valutare 'ex aequoe et ebono' secondo Iidettami della sua ragione e coscienza l-ammontare del danno al risarcimento del quale taluno fu condannato.'*

Wara li qies ic-cirkostanzi kollha, dan it-Tribunal qed jiffissa arbitro boni viri lill-attrici s-somma ta' hames mitt ewro (€550) u dan ghar-rigward il-bilanc li kien baqa' kontestat.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' elfejn, tmien mija u tmienja u sittin ewro u disgha centezmi (€2,868.09c) u jordna lil konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' elfejn tmien mija u disgha u sittin ewro u disgha centezmi (€2,869.09c) b'dan li l-imghaxijiet fir-rigward tas-somma ammessa mill-konvenuta fil-verbal tas-07 ta' Lulju, 2017 dik ta' nofs erbat elef seba' mija u sitta u tletin ewro u tmintax-il centezmu (€4,736.18c) li tammonta ghas-somma ta' elfejn tlett mija u tmienja u sittin ewro u disgha centezmi

(€2,368.09c) tali imghax jibda jiddekorri mis-07 ta' Lulju, 2017 d-data meta ddikjara li ghandu jhallas sa meta jsir l-effettiv pagament u l-imghaxijiet rigwardanti s-somma ta' hames mitt ewro (€500) jibdew jiddekorru mil-lum sad-data tal-effettiv pagament.

Spejjez kwantu ghal zewg terzi mill-konvenut u terz mill-attrici.

**Anna Mallia**

**Gudikatur**